**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Illum 03 ta' Gunju, 2021**

**Rikors ta' Revoka Nru: 125/2021/1 AF**

In atti tar-Rikors Guramentat numru 71/2020

Wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 47/2020 fl-ismijiet:

**Marthese *sive* Merthis Roper**

**vs**

**Antoine Portelli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Antoine Portelli li permezz tieghu ghar-ragunijiet moghtija, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 47/2020 fl-ismijiet premessi b'mod shih, u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(c)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jew liema minnhom.

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet moghtija mill-artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, lis-sekwestranti Marthese *sive* Merthis Portelli sabiex thallas l-penali sal-massimu mahsub mil-ligi, li tmur ghand ir-rikorrenti odjern, u dan ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti odjerni, inkluz fosthom l-ispejjez inkorsi in vista tac-cedoli ta' depozitu mressqa in osservanza tal-mandat ta' sekwestru odjern, u tikkundanna lis-sekwestranti Marthese *sive* Merthis Portelli sabiex thallas lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati, u dan ai termini tal-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Sussidjarjament tordna lis-sekwestranti Marthese *sive* Merthis Portelli sabiex, fit-termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta taghti, fi zmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax.

Bl-ispejjez kollha kontra s-sekwestranti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Marthese *sive* Merthis Roper.

Semghet xhud viva voce.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 836 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi l-mandat *de quo* ntalab minn Marthese *sive* Merthis Roper sabiex din tikkawtela jedd taghha fuq sehemha ta' ammont ta' flus percipiti minn Antoine Portelli wara

transazzjoni ta’ vertenza li huwa kellu ma’ Smart City Malta, naxxenti minn impieg tieghu mal-istess Smart City.

L-ammont kawtelat bil-mandat huwa ta’ €70,000. Irrizulta mill-prova prodotta fl-atti ta’ dan il-mandat illi l-pagament totali li ppercepixxa Antoine Portelli minn Smart City huwa fil-fatt €45,000. B’hekk jirrizulta illi sehem Marthese Roper jammonta ghal €22,500.

Jirrizulta wkoll illi l-kreditu jinsab kawtelat ukoll b’mandat ta’ inibizzjoni li jorbot l-40% sehem ta’ Antoine Portelli minn proprjetà immobbli ta’ valur kbir. Inoltre, jirrizulta wkoll illi b’effett tal-mandat ta’ sekwestru digà giet depozitata fil-Qorti s-somma ta’ €16,000.

F’dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti tqis gustifikata t-talba ta’ Antoine Portelli u tordna t-thassir tal-mandat ta’ sekwestru 47/2010 b’dana però li kull ammont depozitat jibqa’ hekk depozitat sakemm tigi deciza l-kawza fil-mertu bejn il-partijiet. It-talbiet l-ohra ta’ Antoine Portelli qeghdin jigu michuda ghaliex mhumiex meqjusa gustifikati.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF